u bħal berqa tixtered mad-dinja
it-tnedija tal-Għadu midrub,
u lit-Tfajla sabiħa ta' Jesse
toħroġ l-għajta ferrieħa mill-qlub :

Is-sliem għalik, Sultana,
li dnub ma tafx xinhu;
Int ftaħt il-bwieb tas-sema,
Omm ħelwa ta' Ġesù.

6—1—36

DUN KARM

## Kotba li waslulna

Is-Sur Fons M. Galea bagħtilna dawn il-kotba :

1. Annali tal-Propaganda tal-Fidi, għal Ottubru.

2. Giannina Bigard li waqqfet l-Opra ta' San Pietru Appostlu għall-qassisin indiġni, ta' Igino Giordani, mfissra bil-Malti minn Alf. M. Galea, 1939.

Niżżuh ħajr bil-qalb kollha.

## Għajdut Malti

*(Issibu Għajdut ieħor fi-'Malti' ta' Sett., Diċ., 1934, Gunju, 1935, Sett., Diċ. 1937 u Marzu, Diċ. 1938)*

Wera snienu.
Kulma għażilna sar suf.
Qdieh mill-koxxa.
Silitli qalbi
Tilef rasu.
Sab ix-xoqqa f'moxtha
Jekk għandek xi bajda ħoxna bidha.
Qabdu waħam.
Ifekren ġmielu.
Xorob ħafna mrar.
Wiċċ bla żejt (bla mistħija)
B'rasek idur.
Kellu r-riħ fil-qala.
Iddoqqlu l-kalandra.
Qata' sandar.
Jinten seba' ġwejjef.
Kiellu wiċċu.
Bint it-tiġieġa l-bajda.
Kellu l-faħam miblul.
Dabbiena bajda.
Qabad art.
Xejn ma f'għajni minnu.
Wieżnu, miskin !
Tarah fl-art ma tiġbrux.
Kif tikser idek.
Aħseb u ara.
Qattgħu l-karti.
Xammar u arfa'.
Nagħmel għonqi taħt mannara.
Barra minn fuqu.
Bit-tielgħa u n-nieżla.
Kull mibdi mitmum.
Midħla tagħna.
Qata' qalbu.
Tah il-qoffa.
Daqqa ta' sinna u ġewwa.
Waqqa' l-balla fuq saqajh.
Mewwet qalbu.